28 ta' Ottubru, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Maestà Tagħha r-Reġina *versus* Ġużeppi Farrugia**

**Provi — Dikjarazzjoni ta' Moribond — Art. 642 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Għall-ammissibilità, bħala prova, ta' dikjarazzjoni magħmula minn moribond, hu rekwiżit indispensabili dak li min jagħmel id-dikjarazzjoni jkun jaf li wasal għall-mewt.*

*Dan ir-rekwiżit jista' jirriżulta mhux biss mill-istess dikjarazzjoni tal-moribond, imma anki "aliunde".*

Il-Qorti — Fuq l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità tax-xhieda ta' Louis Vella, fol. 46;

Ikkunsidrat, wara li semgħet il-Prosekuzzjoni u d-Difiża;

Illi dan ix-xhud jirriferixxi dikjarazzjonijiet li għamel il-maqtul Toni Schembri meta l-istess xhud ivviżitah fl-Isptar ġurnata qabel miet, ċjoè fl-1 ta' Ġunju 1952;

Illi dikjarazzjonijiet simili huma regolati mid-dispożizzjoni tat-tielet subartikolu ta' l-art. 642 Kap. 12, Ediz. Riveduta;

Illi rekwiżit indispensabbli għall-ammissjoni tagħhom hu li d-dikjarant ikun jaf li wasal għal mewt ("conscious of the nearness of death"). Dan jista' jirriżulta jew minn dikjarazzjoni li jagħmel hu stess, jew "aliunde" (ara "Rex vs. Muscat", 23 ta' Lulju 1942, din il-Qorti kolleġjalment kostitwita);

Illi fil-każ in eżami ma hemm ebda dikjarazzjoni tal-mejjet in propożitu fil-waqt li għamel id-dikjarazzjonijiet, u ma hemm ebda ċirkustanza oħra li minnha l-ġudikant jista' "aliunde" jiddeżumi illi "the declarant was aware of the imminence of death"; anzi pjuttost jidher li dakinhar kien hemm raġunijiet biex Schembri jaħseb li kien qaleb għat-tajjeb;

Illi lanqas tista' tiġi applikata t-teorija tar-"res gesta"; għax dawn id-dikjarazzjonijiet il-mejjet għamilhom fl-1 ta' Ġunju 1952, mentri l-fatt sar fid-29 ta' Mejju 1952;

Għalhekk tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni, tiddikjara dik ix-xhieda inammissibili, u konsegwentement tiċħadha.